MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1412/2000/1

**Emanuel maghruf bhala Noel u Rita konjugi Baldacchino u b'digriet datat 31 ta' Jannar 2001 John Baldacchino assuma l-atti f'isem Emanuel u Rita konjugi Baldacchino**

**vs**

**In-Nutar Pubbliku Clyde La Rosa**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi huma kienu dahlu f'negozjati ma' John Spiteri ghall-akkwist ta' porzjoni divizi ta' art formanti parti mill-artijiet

ta' Wej limiti tan-Naxxar, ta' kejl superficjali ta' mitejn u erba' u erbghin punt tmienja u ghoxrin metri kwadri (244.28 m2);

Illi l-atturi inkarigaw lill-konvenut sabiex jirredigi l-konvenju, jippubblika l-kuntratt ta' l-akkwist, jiehu hsieb ir-ricerki u jaghmel dak kollu li huwa relatat mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt inkluz li l-art tigi registrata fuq isem l-atturi mar-Registru ta' l-Artijiet;

Illi permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Dottor Clyde La Rosa tat-30 ta' Lulju 1998, l-atturi akkwistaw minghand John Spiteri l-porzjon art fuq imsemmija (Dok. EA1);

Illi l-atturi ghaddew biex bnew id-dar ta' residenza taghhom fuq din l-istess art;

Illi kien biss fl-ahhar jiem ta' Frar 1999 li l-atturi saru jafu li parti mill-art li akkwistaw minghand John Spiteri ma kenitx proprjeta tieghu u ghalhekk ma kenitx taqa' fic-certifikat ta' registrazzjoni li fuqu l-atturi xtraw din il-propjeta u parti minnha kienet fuq titolu iehor;

Illi f'dan l-istess zmien l-atturi saru jafu b'nuqqasijiet ohra fosthom:

(i) In-numru ta' karta ta' l-identita ta' John Spiteri m'huwiex dak indikat fil-kuntratt ta' akkwist, imma 669947(M);

(ii) In-numru tac-certifikat tat-titolu kif registrat ta' l-Artijiet m'huwiex 070704066, imma 070704068;

(iii) Fid-data ta' l-akkwist kien ghad hemm fuq l-art in kwistjoni ipoteki specjali u privileggi registrati favur Lohombus Corporation u d-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali u liema fatti qatt ma ngiebu ghak-konjizzjoni ta'l-atturi. Kien biss f'Marzu 1999 li dawn il-garanziji gew kancellati;

(iv) Qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ akkwist, il-konvenut kien naqas milli jaghmel il-procedura li ssir issoltu mar-Registru ta’ l-Artijiet sabiex jigi accertat li l-art in vendita taqa’ taht ic-certifikat tat-titolu gja’ registrat mar-Registru ta’ l-Artijiet;

Illi r-Registru ta’ l-Artijiet kien gharraf b’dawn il-fatti lill-konvenut permezz ta’ ittra datata 15 ta’ Ottubru 1998 (Dok. EA2) liema cirkostanzi l-konvenut qatt ma gharraf lill-atturi bihom u li min-naha taghhom baqghu ghaddejjin bil-kostruzzjoni;

Illi fil-qadi ta’ l-inkarigu u d-dmirijiet professjonali tieghu, il-konvenut wera nuqqas ta’ hila u kien negligenti;

Illi minhabba l-agir tal-konvenut, l-atturi sofrew danni u minkejja li huwa gie nterpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni huwa baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi in kwantu dan kien negligenti, traskurat u/jew fil-kors ta’ l-ezercizzju tal-professjoni tieghu wera nuqqas ta’ hila fil-qadi ta’ dmirijietu;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut;

3. Tikkundanna l-konvebnut ihallas dik is-somma li tigi hekk likwidata bhala hlas ta’ danni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

Rat in-nota ta’ oservazzjonijiet tal-atturi u dik responsiva tal-konvenut;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsixdrat:

Mill-kumpless ta’ provi prodotti jirrizulta li l-atturi, in virtu’ ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar il-konvenut Dottor Clyde La Rosa tat-30 ta’ Lulju 1998, akkwistaw minghand John Spiteri, porzjoni diviza ta’ art formanti parti mill-artijiet ta’ Wej limiti tan-Naxxar ta’ kejl superficjali ta’ mitejn u erba’ u erbghin punt tmienja u ghoxrin metri kwadri (244.28 m2). Jirrizulta ukoll li l-atturi bdew jibnu d-dar ta’ residenza taghhom fuq din il-porzjoni art qabel ma gie pubblikat l-imsemmi kuntratt pero’ wara li kien gie ffirmat il-konvenju relattiv;

L-atturi qed jilmentaw li wara li gie pubblikat l-imsemmi kuntratt irrizultalhom li parti mill-art in kwestjoni ma kenitx proprjeta tal-venditur, li n-numru ta’ karta ta’ l-identita’ tal-venditur mhux dak indikat fl-imsemmi kuntratt ta’ akkwist, li n-numru tac-certifikat tat-titolu kif registrat mar Registru tal-Artijiet mhux dak indikat fl-istess kuntratt (mhux 070704066 imma 070704068) u li fid-data ta’ l-akkwist kien ghad hemm gravanti fuq l-art in kwistjoni ipoteki specjali u privileggi registrati favur Lohombus Corporation u d-Direttur ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali u kien biss wara

l-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt li dawn gew kancellati;

L-atturi jilmentaw ukoll dwar il-fatt li qabel il-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta’ akkwist, in-nutar konvenut naqas milli jaghmel il-procedura li ssir solitament mar-Registru ta’ l-Artijiet sabiex jigi accertat li l-art in vendita taqa’ taht ic-certifikat tat-titolu gja’ registrat mal-istess Registru ta’ l-Artijiet;

L-atturi ghalhekk qed jallegaw li fil-qadi ta’ l-inkarigu u d-dmirijiet professjonali tieghu, il-konvenut wera nuqqas ta’ hila u kien negligenti u jallegaw li minhabba dan l-agir tal-konvenut, huma sofrew danni li ghalihom huwa responsabbli l-istess konvenut. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni sofferti minnhom in kwantu l-konvenut kien negligenti, traskurat fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu u wera nuqqas ta’ hila fil-qadi ta’ dmirijietu. Qed jitolbu ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Il-konvenut qed jeccepixxi li t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut spjega li huwa wettaq id-dmirijiet tieghu ta’ nutar fedelment u minghajr ebda nuqqas. Huwa iddikjara li jekk is-survey sheet u l-pjanti li nghataw lilu mill-partijiet setghu irrizultaw li kienu zbaljati dan certament ma jidholx fl-ambitu tar-responsabbiltajiet tieghu bhala Nutar. Il-konvenut inoltre ddikjara li l-izball fin-numru tal-karta tal-identita’ tal-venditur u l-izball fin-numru tac-certifikat ta’ registrazzjoni huma zbalji tat-tipa u b’dawn l-izbalji bl-ebda mod ma gew pregudikati d-drittijiet tal-atturi. Iddikjara inoltre li l-pizijiet li jaghmlu referenza ghalihom l-atturi gew eventwalment kancellati wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt. Meta gie pubblikat l-att ta’ akkwist in kwestjoni l-konvenut gia kellu f’idejh dikjarazzjonijiet tal-kredituri fejn dawn iddikjaraw li huma kienu ser jilliberaw l-propjeta in kwistjoni. Il-konvenut jghid li dawn il-kancellamenti ma sarux qabel peress li l-atturi naqsu li jhallsu l-ispejjez u drittijiet relattivi. Malli l-konvenut gie

infurmat li setgha kien hemm xi problemi dwar l-att ta' akkwist in kwestjoni huwa minnufih informa lill venditur. Sussegwentement l-indikazzjonijiet kienu li dawn il-problemi kienu gew eliminati u ghalhekk ma hassx li kien hemm il-htiega li jgharraf lill-atturi. Fl-ahhar nett il-konvenut irrileva li fir-rigward tal-porzjoni ta' art tal-kejl ta' circa 4.7 metri kwadri, li rrizultat li ma kinnitx proprjeta tal-venditur, l-atturi kienu wasslu fi ftehim mal-istess venditur u kienet saret korrezzjoni ghall-att pubbliku tal-akkwist in kwestjoni. L-atturi u l-venditur kienu ittransigew il-vertenzi kollha ta' bejniethom u dan billi l-venditur hallas lill-atturi s-somma ta' Lm5,000;

Jirrizultaw is-segwenti fatti:-

(1) L-atturi bdew ix-xoghol ta' kostruzzjoni circa xahrejn wara li sar il-konvenju u ghalhekk qabel ma gie pubblikat l-imsemmi att tal-akkwist. L-atturi bdew dawn ix-xogholijiet wara li l-konvenut kien ikkonfermalhom li kollox kien sew;

(2) Dawn ix-xogholijiet tlestew f'Jannar 1999 u cioe' wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv. Fi Frar tal-istess sena huma saru jafu li in-nutar konvenut kien irciva ittra mibghuta mir-Registru ta' l-Artijiet bid-data tal-15 ta' Ottubru 1998 (Dok.EB2) fejn kien gie informat li kien hemm parti mill-art li ma kenitx inkluza fic-certifikat ta' titolu u konsegwentement ma kinitx tappartjieni lill venditur;

(3) Is-sidien veri ta' din il-bicca art talbu il-hlas ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000) ghal din l-istess bicca art. Din il-porzjon art kienet fejn proprju kien hemm il-faccata tal-bini li kienu ghamlu l-atturi;

(4) Dwar din il-bicca art saret transazzjoni bejn l-atturi u l-venditur li hallas l-imsemmija somma ta' Lm5000.

Sussegwentement din l-istess bicca art giet akkwistata minnghand is-sidien veri ghall-istess somma;

(5) In-nutar konvenut kienipprezenta l-applikazzjoni relattiva mar-registru ta' l-Artijiet, sabiex l-atturi jigu registrati bhala s-sidien tal-art kollha in kwestjoni, fis-6 ta' Ottubru 1998, u cioe' zmien wara t-terminu li timponi l-ligi (Kap.296) wara li jigi pubblikat il-kuntratt tal-akkwist;

(6) L-atturi eventwalment bieghu l-bini li bnew fuq l-art in kwestjoni lill terzi permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Gunju 2000 bil-prezz ta' seba' u sittin elf lira u hames mitt liri maltin (lm67500);

(7) Meta gie pubblikat il-kuntratt definittiv ta' bejgh bejn l-atturi u l-venditur kien ghad hemm gravanti kontra l-istess proprjeta privileggi u ipoteki favur terzi. Dawn eventwalment gew kancellati ftit wara li saret l-istess pubblikazzjoni;

Apparti l-imsemmija lmenti l-atturi jsostnu ukoll li l-konvenut kien gie inkarigat jaghmel ir-ricerki kollha necessarji u jirregistra l-art fuq isimhom mar-Registru ta' l-Artijiet. L-atturi jsostnu li kienu ghamlu talba lill bank sabiex jissellfu xi flus biex ikunu jistghu jhallsu ghal xi spejjez tal-bini pero' din it-talba l-bank rrifjutha proprju minhabba dik il-parti tal-art li kienet irrizultat li hi proprjeta ta' terzi. L-atturi jilmentaw ukoll li minhabba dawn il-fatti kollha huma ghexu ghal circa sena u seba' xhur, maz-zewg ulidhom, gewwa basement umduz b'detriment ghal sahhithom u kien ghalhekk li huma accettaw l-ewwel offerta li saritilhom sabiex ibieghu l-proprjeta in kwestjoni;

Da parti tieghu l-konvenut ikkonferma li ghamel ir-ricerki tal-venditur u inoltre ottjena certifikat ta' l-art mir-Registru ta' l-Artijiet, li kien juri li l-propjeta' kienet tal-venditur b'titolu assolut. Kellu ukoll f'idejh pjanta mghamula minn perit li ukoll kienet turi li l-proprjeta li kienet ser tinbiegh kienet kollha tal-venditur inkluz ghalhekk il-bicca art li sussegwentement irrizultat li kienet proprjeta ta' terzi. Inoltre jirrizulta li malli il-konvenut gie infurmat li kien hemm xi problemi dwar il-proprjeta ta' bicca mill-art li

kienet l-oggett tal-kuntratt ta’ vendita’ huwa minnufih ikkomunika mal-venditur pero’ lill-atturi ma qalilhom xejn;

Inoltre jirrizulta ukoll li fit- 8 ta’ Jannar 1999 in-nutar konvenut ircieva ittra minnghand il-Registru tal-Artijiet fejn gie infurmat li art kienet giet registrata skond l-applikazzjoni tieghu u li ma kienx hemm problemi dwar l-istess art. In vista tal-kontenut ta’ din l-ittra l-konvenut serrah mohhu li kollox kien sew u, skond il-konvenut, kien ghalhekk li huwa ma kkomunikax mal-atturi;

Jidher li in effett l-izball sar minn naha tar-Registru tal-Artijiet minnhabba l-iskala tal-pjanti li kienu gew sottomessi lill-istess Registru. Jidher li meta nhadmet il-porzjoni art in kwestjoni ntuzat certa skala li kienet differenti minn dik tal-pjanti li kienu gew sottomessi u ghalhekk gie li l-art kollha kienet koperta mentri fil-fatt ma kenitx. Ir-Registratur tal-Artijiet stess ikkonfermat li l-imsemmija ittra tat-8 ta’ Jannar 1999 kienet tindika li l-art kollha in kwistjoni kienet giet registrata skond l-applikazzjoni relattiva u dana minghajr ma kien hemm kummenti. Hu ovvju li dan id-dokument ta’ wiehed x’jifhem li ma kien hemm ebda problema dwar it-titolu tal-art in kwestjoni;

Inoltre l-istess xhud Registratur tal-Artijiet ikkonfermat li ma hemmx obbligu fuq in-nutar li jghgamel xi domanda lill-istess Registru sabiex jigi stabbilit jekk dik il-bicca art li tkun ser tigi trasferita jekk hiex gja registrata jew le, jew jekk dik il-bicca art li ser tigi trasferita hijiex parti minn registrazzjoni jew le;

Gie ritenut li r-relazzjoni ta nutar u klijent hi wahda ta’ natura kontrattwali u konsegwentement ir-responsabilita’ ghad-danni trid tkun regolata bil-ligi tal-kuntratti. Ma jistax jigi eskluz pero’ li l-kwestjoni tad-danni tigi trattata a bazi ta’ responsabilita‘ naxxenti minn delitt jew kwazi delitt. In effett gie ritenut li nutar jista jigi ritenut responsabbli kemm taht il-ligi tal-kuntratti kif ukoll taht id-delitti jew kwazi delitti. (Vide Mose Tabone v. Dr Joseph Ferdinand Cassar Galea);

Hu evidenti li hawnhekk si tratta ta’ azzjoni ghal hlas ta’ danni bazata fuq l-artikoli 1033 u 1038 tal-Kapitolu 16 cioe’ r-responsabilita’ akkwiljana. Skond il-ligi kullhadd, inkluzi ovvjament il-professjonisti, hu tenut li jaqdi d-dmrijiet tieghu ut bonus paterfamilias u jirrizulta li l-konvenut jipprattika il-professjoni ta’ Nutar Pubbliku. Il-professjonist ghandu jimxi bid-debita prudenza ta’ persuna ragjonevoli u f’dan il-kuntest zball jista ikun skuzabbli ovvjament jekk mhux grossolan. Professjonist, ossia nutar hu responsabbli ghad-danni jekk jonqos li joqod ghal xi obbligu impost mill-ligi jew inkella jekk jonqos li jimxi bhala bonus paterfamilias. Professjonista hu biss responsabbli ghal negligenza il-fuq mill-livel ta’ "culpa levissima" cioe il-fuq minn zbalji semplici tal-gudizzju. Il-fatt li xi hadd ma jghamilx dak li hu desiderabbli li jsir izda ma jonqox fl-obbligi tieghu naxxenti mill-ligi ma jfissirx li dan ma mexiex ut bonus paterfamilias. F’dan il-kaz ma jirrizultax li n-nutar konvenut naqas li joqod ghal xi obbligu impost mill-ligi jew naqas li jimxi ragjonevolment bhala bonus pater familias;

F’dan ir-rigward fil-kawza “Mary Xuereb vs Notary Emanuel Agius” (23 ta’ Mejju 1960) il-Qorti tal-Appell Civili qalet - *Illi in tema legali jinghad li…hija l-ligi komuni applikabbli ghal kulhadd indistintament…liema principji jabbracjaw l-attijiet tal-kommissjoni kif ukoll ta’ omissjoni.. Il-limiti tat-resposnabbilta’ huwa dak rikjest u li jitnissel mill-prudenza, id-diligenza u l-hsieb tal-bonus pater familias, u mhux akbar, fin-nuqqas ta’ disposizzjoni espressa fil-ligi. Ilil d-dottrina u t-teorija ta’ l-iskuzzabilita’ ta’ l-izbalji professjonali ma holqitx speci ohra ta’ htija oltre dawk rikonoxxuti mill-ligi komuni. Din il-Qorti ma tahsibx li jista’ jigi dubitat li l-professjonista li jittraskura l-formalitajiet indispensabbli u perentorji, jew juri negligenza ohra fl-ezercizzju tal-professjoni jew jirrivela njoranza li mhux perdonabbli …ikun tenut ghall-attijiet tieghu, ghaliex dawk*

*il-fatti jew atti u ommissjonijiet li huma b'vigilanza personali possibbli li jigu evitati.*

L-izballji rigward il-karta ta' identita tal-venditur u n-numru ta' registrazzjoni huma ovvjament zballji dattilografi bla ebda pregudizzju ghall-atturi u li zgur li ma jirrizultax li kellhom xi konsegwenza pregudizzjali ghal-atturi. Konsegwentement ma hemm ebda konsegwenza legali;

Ma saret ebda prova medika dwar il-fatt li l-atturi ghexu ghal certu zmien fil-basement umduz ghad-dannu ta' sahhithom. L-atturi lanqas ma ppruvaw l-allegazzjoni taghhom rigwardanti s-self ta' flus minn bank;

Ghar-rigward tal-ipoteki gravanti fuq il-proprjeta meta sar l-att tal-akkwist il-konvenut kien diga ottjena kunsens bil-miktub ferm qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt, minghand il-kredituri fis-sens li l-porzjon tal-art in kwestjoni kellha tigi liberata minn tali pizijiet u ghalhekk kien jonqos biss il-formalita' tal-kancellament permezz ta' att pubbliku. Dan il-kancellament effettivament sar ftit wara l-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment. Zgur li ma jirrizultax li minhabba f'dan il-fatt l-atturi sofrew xi pregudizzju;

Rigward il-kwestjoni tal-parti li ma kinitx tappartjeni lill-venditur, in-nutar konvenut ghamel dak kollox li solitament isir meta jigi pubblikat kuntratt bhal dak in kwestjoni. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher li l-agir tan-nutar konvenut kien wiehed ragjonevoli. Malli sar jaf li seta kien hemm xi problemi dwar it-titolu tal-venditur fuq bicca mill-art trasferita, in-nutar konvenut mal-ewwel ikkomunika mal-venditur, li kien iggarantixxa favur l-atturi l-pacifiku pussess ghar-rigward tal-art trasferita. Hu importanti li wiehed jinnota li fi kwalunkwe kaz il-venditur irid dejjem jiggarantixxi l-pacifiku pussess ghar-rigward tal-immobbli trasferit. Fil-kawza "Andrew Camilleri et nomine vs Paul Enrico Vella et nomine" deciza fit-23 ta' Jannar 2004 intqal - *'Meta bejjiegh jaghti l-garanzija tal-pussess pacifiku, huwa jkun marbut b'dik il-garanzija. Sarux jew le r-ricerki, u sarux sew jew le…'* ;

Inoltre ragjonevolment in-nutar konvenut ma hax il-htiega li jikkomunika mal-atturi anke in vista tal-fatt li kellu fil-pussess tieghu dokument ufficjali li kien jindika li l-art kollha effettivament trasferita kienet giet registrata f'isem l-akkwerenti cioe' l-atturi. Jekk tali informazzjoni irrizultat eventwalment zbaljata certament m'hemmx htija da parti tal-konvenut;

L-allegazzjoni tal-atturi hi li n-nutar konvenut kien jaf li huma kienu qeghdin jibnu u kieku kienu jafu li hemm problemi dwar it-titolu tal-venditur huma kien jieqfu jibnu. Kif gia ntqal ir-responsabilita' hi ta minn ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover skond il-ligi. Ghalhekk ommissjoni semplici jew inazzjoni ma jwasslux ghal responasbilita u ma jikkostitwux delitt jew kwazi delitt kif trid il-ligi. Ommissjoni iggib responsabbilta' meta jkun hemm l-obbligu li wiehed jagixxi, liema obbligu f'dan il-kaz ma jirrizultx. Ma jirrizultax li n-nutar konvenut hu tenut li jara li l-bini jkun qed issir fuq l-art trasferita u inoltre, kif gia gie rilevat. hu l-venditur li bil-ligi jiggarantixxi l-pacifiku pussess. Inoltre ghandu jigi rilevat li meta l-atturi ttrasferew il-prprjeta in kwestjoni lill terzi huma kienu gia ittransigew il-kwestjonijiet kollha ma kull minn seta kien involut. Barra minn hekk l-atturi volutament bieghu d-dar in kwestjoni lil terzi u ma jirrizultax li huma b'xi mod kienu kostretti jittrasferixxu l-istess proprjeta;

Jista ikun ukoll li l-konvenut ma osservax il-limitu ta' zmien impost mill-ligi rigward ir-registrazzjoni. Hawnhekk ukoll, pero', ma jirrizultax li l-atturi sofrew xi pregudizzju;

Basikament f'kawzi bhal din l-atturi ghandhom jipprovaw li sofrew danni u li hemm in-ness ta' kawza kif ukoll l-effett bejn id-danni reklmati u l-agir ta' min allegatament ikun ikkaguna d-danni. L-atturi donnhom qed jallegaw li huma, kieku kienu jafu li kien hemm problemi dwar it-titolu ta' parti mill-art trasferita, ma kienux jixtru l-art, jew forsi kienu jkunu lesti jhallsu prezz irhas. Dan pero' zgur li ma giex ipprovat;

Fid-dawl ta’ dan kollu ma tistax tinstab htija minn naha tal-konvenut u konegwentement it-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi bili fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut u fit-tieni lok billi tichad it-talbiet kollha tal-atturi;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------